Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tmien Awla)

11 ta’ Diċembru 2014*

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Tassazzjoni indiretta — VAT — Sitt Direttiva — Artikoli 18 u 22 — Dritt għal tnaqqis — Akkwisti intrakomunitarji — Reverse charge — Rekwiżiti sostantivi — Rekwiżiti proċedurali — Nuqqas ta’ osservanza tar-rekwiżiti proċedurali”

Fil-Kawża C-590/13,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Corte suprema di cassazione (l-Italja), bid-deċiżjoni tas-7 ta’ Ottubru 2013, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-20 ta’ Novembru 2013, fil-proċedura

**Idexx Laboratories Italia Srl**

**vs**

**Agenzia delle Entrate,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tmien Awla),

komposta minn C. Toader, li qed taġixxi bħala President tal-Awla, E. Jarašiūnas u C. G. Fernlund (relatur), Imħallfin,

Avukat Ġenerali: P.8 Cruz Villalón,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal Idexx Laboratories Italia Srl, minn F. Tesauro, avukat,

— għall-Gvern Taljan, minn G. Palmieri, bħala aġent, assistita minn G. De Socio, avvocato dello Stato,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn L. Lozano Palacios u D. Recchia, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema’ l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata’ mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-Proċedura: It-Taljan

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikoli 18 u 22 tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE, tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ - Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 23), kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 91/680/KEE, tas-16 ta' Diċembru 1991 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 160, iktar 'il quddiem is-"Sitt Direttiva").

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' żewġ kawżi — magħquda mill-qorti tar-rinviju — bejn Idexx Laboratories Italia Srl (iktar 'il quddiem "Idexx") u l-Agenzia delle Entrate — Ufficio di Milano 1 (amministrazzjoni tat-taxxa — uffiċċju ta' Milan 1, iktar 'il quddiem l-"Agenzia"), dwar, minn naħa, l-avviż ta' rkupru maħruġ minn din l-amministrazzjoni, dwar ir-rettifika tad-dikjarazzjoni għall-finijiet tat-taxxa dwar il-valur miżjud (iktar 'il quddiem il-"VAT") stabbilita minn Idexx għas-sena 1998, u, min-naħa l-oħra, iċ-ċaħda tat-talba ta' soluzzjoni tal-kawża mressqa minn din il-kumpannija.

### Il-kuntest ġuridiku

*Id-dritt tal-Unjoni*

3 Is-Sitt Direttiva tinkludi Titolu XVIa, intitolat "Arranġamenti transizzjonali għat-tassazzjoni tan-negozju bejn Stati Membri", li ġie introdott fiha permezz tad-Direttiva 91/680/KEE, u li jinkludi b'mod partikolari l-Artikoli 28f sa 28g.

4 L-Artikolu 17(1) tas-Sitt Direttiva, intitolat "Oriġini u skop tad-dritt li tnaqqas", jistabbilixxi:

"Id-dritt li tnaqqas għandu jqum fl-istess ħin meta t-taxxa mnaqqsa ssir taxxabbli."

5 Fil-formulazzjoni li tirriżulta mill-Artikolu 28f tas-Sitt Direttiva, l-Artikolu 17(2) tagħha jipprovdi:

"Sakemm il-merkanzija u s-servizi jintużaw għall-iskop tat-transazzjonijiet taxxabbli tagħha, il-persuna taxxabbli tkun intitolata li tnaqqas mit-taxxa li għandu jħallas:

(a) il-[VAT] imħalsa għal merkanzija jew servizzi pprovduti jew li se jkunu pprovduti lilha minn persuna taxxabbli oħra li għandha tħallas it-taxxa fit-territorju tal-pajjiż;

(b) il-[VAT] dovut jew imħallas għal merkanzija importata fit-territorju tal-pajjiż;

(ċ) il-[VAT] dovuta skond l-Artikoli 5(7)(a), 6( 3) u 28a(6);

(d) il-[VAT] dovuta skond l-Artikolu 28a(1)(a)."

6 Fil-formulazzjoni tagħha li tirriżulta mill-Artikolu 28f tas-Sitt Direttiva, l-Artikolu 18 tagħha, dwar ir-"Regoli li jirregolaw l-eżerċizzju tad-dritt li tnaqqas", il-paragrafu 1(d) jipprovdi:

"Biex teżerċita d-dritt tat-tnaqqis persuna taxxabbli trid:

[...]

(d) meta tkun meħtieġa tħallas it-taxxa bħala klijent jew xerrej, fejn l-Artikolu 21(1) jgħodd, taqbel mal-formalitajiet stabbiliti minn kull Stat Membru."

7 Fir-rigward tal-persuni responsabbli għall-ħlas tal-VAT, l-Artikolu 21(1)(d) ta' din id-direttiva, fil-formulazzjoni tagħha li tirriżulta mill-Artikolu 28ġ tagħha, jistabbilixxi li l-VAT hija dovuta minn "kull persuna li tagħmel akkwisizzjoni intra-Komunitarja taxxabbli ta' merkanzija [...]".

8 Skont l-Artikolu 22 tas-Sitt Direttiva, fil-formulazzjoni li tirriżulta mill-Artikolu 28g tagħha, intitolat "Obbligi fis-sistema interna":

"[...]

2.

(a) Kull persuna taxxabbli trid iżżomm kontijiet dettaljati biżżejjed biex il-[VAT] tkun tista' tkun applikata u spezzjonati mill-awtoritajiet tat-taxxa.

(b) [...]

Kull persuna taxxabbli trid iżżomm reġistru tal-materjali li tkun irċeviet minn Stati Membri oħrajn jew għan-nom ta' persuna taxxabbli oħra identifikata għal skopijiet tal-[VAT] f'dak l-Istat Membru l-ieħor bil-ħsieb ta' fornitura ta' xogħol b'kuntratt lil dik il-persuna taxxabbli.

[...]

4.

(a) Kull persuna taxxabbli tissometti ritorn sa żmien stipolat mill-Istati Membri. [...]

(b) Ir-ritorn jagħti l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tinħadem it-taxxa li trid titħallas u t-tnaqqis li jrid isir inkluż, fejn jgħodd, u sakemm jidher meħtieġ biex tkun stabbilita l-bażi ta' l-istima, il-valur totali tat-transazzjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' dawn it-taxxi u tnaqqis u l-valur ta' xi transazzjonijiet eżenti.

(ċ) Ir-ritorn irid jistabbilixxi ukoll:

[...]

— mill-banda l-oħra, il-valur totali, tnaqqas il-[VAT], ta' l-akkwisizzjonijiet intra-Komunitarji ta' merkanzija msemmijin fl-Artikolu 28a(1) u (6) li trid titħallas it-taxxa fuqhom.

[...]

8. Stati Membri jistgħu jimponu obbligi oħrajn li jidhrulhom meħtieġa għall-ġbir tajjeb ta' taxxa u biex ma ssirx evażjoni, suġġetti għall-ħtieġa ta' trattament indaqs ta' transazzjonijiet domestiċi u transazzjonijiet li jsiru bejn Stati Membri minn persuni taxxabbli sakemm dawn l-obbligi, fin-negozju bejn Stati Membri, ma jagħtux lok għal formalitajiet konnessi mal-qsim ta' fruntieri.

[...]"

*Id-dritt Taljan*

9 Il-parti l-kbira tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-VAT huma previsti, minn naħa, mid-Digriet Nru 633 tal-President tar-Repubblika, dwar il-ħolqien u r-regolamentazzjoni tat-taxxa fuq il-valur miżjud (Decreto del presidente della Repubblica n. 633, istituzione e disciplina dell'imposta sul valore aggiunto), tas-26 ta' Ottubru 1972 (suppliment ordinarju fil-GURI Nru 292, tal-11 ta' Novembru 1972,

iktar 'il quddiem id-"DPR Nru 633/72"), emendat bosta drabi, u, min-naħa l-oħra, mid-Digriet Liġi Nru 331 dwar l-armonizzazzjoni tad-dispożizzjonijiet fil-qasam tat-taxxi fuq iż-żjut minerali, l-alkoħol, ix-xorb alkoħoliku u t-tabakk ipproċessat, kif ukoll fil-qasam tal-VAT, bid-dispożizzjonijiet stabbiliti bid-direttivi KEE, u emendi li jirriżultaw minn din l-armonizzazzjoni, kif ukoll dispożizzjonijiet dwar is-sistema ta' ċentri awtorizzati ta' għajnuna fiskali, il-proċeduri ta' rimbors tat-taxxa, l-esklużjoni tal-ILOR mid-dħul tal-impriżi f'ammont li jikkorrispondi għall-ispejjeż professjonali diretti, l-iffissar għall-1993 ta' taxxa ta' konsum straordinarju fuq ċerti beni, u dispożizzjonijiet fiskali oħra (decreto-legge n. 331 — armonizzazione delle disposizioni in materia di imposte sugli oli minerali, sull'alcole, sulle bevande alcoliche, sui tabacchi lavorati e in materia di IVA con quelle recate da direttive CEE e modificazioni conseguenti a detta armonizzazione, nonché disposizioni concernenti la disciplina dei centri autorizzati di assistenza fiscale, le procedure dei rimborsi di imposta, l'esclusione dall'ILOR dei redditi di impresa fino all'ammontare corrispondente al contributo diretto lavorativo, l'istituzione per il 1993 di un'imposta erariale straordinaria su taluni beni ed altre disposizioni tributarie), tat-30 ta' Awwissu 1993 (GURI Nru 203, tat-30 ta' Awwissu 1993), ikkonvertiti f'liġi bil-Liġi Nru 427, tad-29 ta' Ottubru 1993 (GURI Nru 255 tad-29 ta' Ottubru 1993, iktar 'il quddieml id-"DL Nru 331/93").

10 Id-dispożizzjonijiet relevanti fir-rigward tal-modalitajiet u l-kundizzjonijiet ġenerali dwar il-fattura kif ukoll ir-reġistrazzjoni tal-fatturi u l-akkwisti huma dawk li jinsabu fl-Artikoli 21, 23 u 25 tad-DPR Nru 633/72.

11 Fir-rigward tad-dritt għal tnaqqis dwar it-tranżazzjonijiet intra-Komunitarji, l-Artikolu 45 tad-DL Nru 331/93 jipprovdi:

"Skont l-Artikoli 19 *et seq.* tad-[DPR Nru 633/72] u bla ħsara għal-limitazzjonijiet li hemm stabbilit fihom, it-taxxa dovuta għall-akkwisti intra-Komunitarji ta' oġġetti mwettqa minn imprża, minn sengħa jew minn professjoni, jagħtu dritt għal tnaqqis"

12 Skont l-Artikolu 46(1) tad-DL Nru 331/93, intitolat "Fatturazzjoni tat-tranżazzjonijiet intra-Komunitarji", il-fattura dwar l-akkwist intra-Komunitarja għandha tiġi nnumerata u mimlija miċ-ċessjonarju jew il-prinċipal billi tindika il-kontravalur f'liri tal-korrispettiv u elementi kostituttivi oħra tal-bażi taxxabbli tat-tranżazzjoni, ikkalkolati skont ir-rata ta' oġġetti jew ta' servizzi akkwistati.

13 Taħt it-titolu "Reġistrazzjoni tat-tranżazzjonijiet intra-Komunitarji", l-Artikolu 47 tad-DL Nru 331/9 3 jistabbilixxi:

"1. Il-fatturi dwar l-akkwisti intra-Komunitarji msemmija fl-Artikolu 38(2) u (3)(b) u t-tranżazzzjonijet imsemmija fit-tieni sentenza tal-Artikolu 46(1), wara li jintlew skont l-ewwel sentenza ta' dan il-paragrafu, għandhom jiġu inklużi, fix-xahar li fihom jiġu riċevuti jew wara, iżda fi kwalunkwe każ fi ħmistax-il jum mir-riċezzjoni tagħhom, u skont ix-xahar korrispondenti, b'mod distint fir-reġistru msemmi fl-Artikolu 23 tad-[DPR Nru 633/72], billi jiġi segwit l-ordni numeriku, billi jindikaw ukoll il-korrispettiv tat-tranżazzjonijiet fil-munita barranija. Il-fatturi msemmija fl-Artikolu 46(5) għandhom jiġu rreġistrati fix-xahar tal-ħruġ tagħhom. Huma għandhom jiġu rreġistrati b'mod distint, fit-termini previsit mis-sentenzi preċedenti, ukoll fir-reġistru previst fl-Artikolu 25 tad-digriet iċċitat iktar 'il fuq b'riferiment, rispettivament, għax-xahar tar-riċezzjoni tagħhom jew tal-ħruġ tagħhom.

2. Il-persuni taxxabbli msemmija fl-Artikolu 22 tad-[DPR Nru 633/72] jistgħu jirreġistraw il-fatturi msemmija fil-paragrafu 1 fir-reġistru msemmi fl-Artikolu 24 tad-digriet minflok fir-reġistru tal-fatturi maħruġa, bla ħsara għall-preskrizzjoni dwar it-termini u l-modalitajiet indikati fil-paragrafu 1.

3. Il-persuni taxxabbli msemmija fl-Artikolu 4(4) tad-[DPR Nru 633/72] li ma humiex persuni suġġetti għat-taxxa għandhom jirreġistraw, wara li jinnumeraw b'mod kronoloġiku, il-fatturi msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-artikolu f'reġistru *ad hoc*, miżmum u preżervat skont l-Artikolu 39 tad-[DPR Nru 633/72], fix-xahar li jsegwi dak li fih dawn ikunu kisbuhom jew matul ix-xahar ta' ħruġ għall-fatturi msemmija fl-Artikolu 46(5).

4. Il-fatturi dwar it-tranżazzjonijiet intra-Komunitarji msemmija fl-Artikolu 46(2) għandhom jiġu inklużi b'mod distint fir-reġistru previst fl-Artikolu 23 tad-[DPR Nru 633/72], skont l-ordni numeriku u b'riferiment għad-data tal-ħruġ tagħhom.

[...]"

**Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari**

14 Matul is-sena 1998, Idexx wettqet akkwisti intra-Komunitarji mingħand kumpannija Franċiża u kumpannija Olandiża, mingħajr madankollu ma ssodisfatt il-formalitajiet meħtieġa mid-dritt nazzjonali.

15 Mill-proċess mibgħut lill-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li Idexx ma inkludietx fir-reġistru tal-VAT ċerti fatturi stabbiliti mill-kumpannija Franċiża.

16 Fir-rigward tal-fatturi stabbiliti mill-kumpannija Olandiża, dawn ma ġewx inklużi fir-reġistru tal-fatturi maħruġa ta' Idexx, iżda biss fir-reġistru tagħha ta' xiri bl-indikazzjoni "mingħajr VAT".

17 Wara kontroll imwettaq mill-Agenzia matul is-sena 2000, din tal-aħħar qieset li l-imsemmija tranżazzjonijiet kienu jirrappreżentaw akkwisti intra-Komunitarji suġġetti għall-VAT u suġġetti, bħala tali, għas-sistema ta' reverse charge. F'dan il-kuntest, l-Agenzia fformulat proċess-verbali kontra Idexx għaliex din ma osservatx il-leġiżlazzjoni Taljana dwar ir-reġistrazzjoni tat-tranżazzjonijiet intra-Komunitarji.

18 Sussegwentement għall-proċess-verbali, l-Agenzia nnotifikat lil Idexx, fis-27 ta' Mejju 2004, avviż ta' rkupru tal-VAT għas-sena 1998 kif ukoll somma ekwivalent għal 100 % tat-taxxa, bħala sanzjoni għan-nuqqas ta' osservanza tal-obbligi previsti fl-Artikoli 46 u 47 tad-DL Nru 331/93. Din l-amministrazzjoni sussegwentement ċaħdet it-talba għal riżoluzzjoni tal-kawża mressqa minn Idexx.

19 Din il-kumpannija ppreżentat żewġ rikors distinti kontra l-att ta' tassazzjoni u r-rifjut li tintlaqa' t-talba tagħha għal riżoluzzjoni tal-kawża. B'żewġ sentenzi, il-Commissione tributaria provinciale di Milano laqgħet dawn iż-żewġ rikorsi, u, għalhekk, annullat l-avviż ta' rkupru u ċ-ċaħda tat-talba għal riżoluzzjoni.

20 L-Agenzia appellat kontra dawn id-deċiżjonijiet, li l-Commissione tributaria regionale della Lombardia laqgħet. Din il-qorti rrilevat li d-dispożizzjonijiet ta' dritt Taljan dwar l-akkwisti intra-Komunitarji, b'mod partikolari l-Artikoli 46 u 47 tad-DL Nru 331/93, kienu jimponu fuq iċ-ċessjonarju jew il-prinċipal mhux biss l-obbligu ta' numerazzjoni u li l-fattura timtela matul l-akkwist intra-Komunitarju bl-elementi kostituttivi kollha tal-bażi taxxabbli tat-tranżazzjoni, iżda wkoll l-obbligu li jiġu inklużi maż-żmien il-fatturi mimlija separatament fid-diversi reġistri msemmija fl-Artikoli 23 u 25 tad-DPR Nru 633/72.

21 Hija qieset li n-nuqqas ta' reġistrazzjoni kien nuqqas li ma huwiex proċedurali iżda sostantiv u jikkostitwixxi ksur ta' natura li jiġġustifika rettifika u/jew irkupru.

22 Idexx ippreżentat żewġ appelli quddiem il-Corte di cassazione, li ddeċidiet li taqqgħad iż-żewġ kawżi. F'dawn l-appelli, din il-kumpannija ppreżentat żewġ aggravji identiċi li jikkritikaw lill-Commissione tributaria regionale della Lombardia talli illegalment ikklassifikat bħala "nuqqas sostanzjali" l-assenza ta' fattura u ta' reġistrazzjoni tal-fatturi fil-kuntest ta' akkwisti intra-Komunitarji.

23 Idexx issostni li l-akkwisti intra-Komunitarji ma għandhomx effett sostanzjali, la joħolqu dejn jew krediti ta' taxxa iżda biss dejn u krediti "apparenti" kif ukoll obbligi formali ta' kitba ta' kont ta' ordni fiż-żewġ reġistri VAT, mingħajr konsegwenzi dwar il-mertu.

24 Għalhekk, hija tqis li n-nuqqas ta' tali obbligi ma jippermettix lill-Agenzia li tirrettifika d-dikjarazzjoni VAT tal-akkwirent u li titlob mingħandu l-ħlas ta' taxxa li huwa biss teoretiku billi jiġi injorat id-dritt għal tnaqqis li, fil-kuntest ta' din il-kawża, ma jistax jiġi kkontestat.

25 Il-qorti tar-rinviju tqis li r-risposta għall-kawżi pendenti quddiemha tiddependi mill-interpretazzjoni li għandha tingħata lis-sentenza Ecotrade (C-95/07 u C-96/07, EU:C:2008:267). Hija tispjega li din is-sentenza kienet is-suġġett ta' żewġ interpretazzjonijiet differenti, koeżistenti, fi ħdan il-Corte di cassazione, u, għalhekk, l-ordinament ġuridiku nazzjonali, li jwassal għal żewġ approċi differenti.

26 Skont l-ewwel approċċ, id-dritt għal tnaqqis jeħtieġ li l-obbligi ta' awtofatturazzjoni u ta' reġistrazzjoni previsti fil-kuntest tas-sistema ta' reverse charge mir-regoli nazzjonali u mid-dritt tal-Unjoni għandhom jiġu ssodisfatti, peress li dawn l-obbligi huma meqjusa bħala obbligi sostantivi.

27 Skont it-tieni approċċ, id-dritt għal tnaqqis jitnissel fil-mument meta l-VAT tkun dovuta, jiġifieri mhux wara li jitwettqu l-formalitajiet previsti għat-twettiq tal-imsemmi dritt, iżda, bħala regola ġenerali, fil-mument tat-twettiq tat-tranżazzjoni tat-trasferiment ta' oġġetti jew tal-provvista ta' servizzi. Għalhekk, in-nuqqas ta' twettiq tal-obbligi formali li l-persuna taxxabbli għandha tkun suġġetta għall-finijiet tat-twettiq ta' dan id-dritt ma jistax iwassal għat-telf tad-dritt innifsu, għaliex ser tiġi stabbilita, ukoll permezz ta' mezzi oħra, il-prova li s-somma dovuta effettivament ingħatat u li l-elementi kostituttivi tad-dritt għal tnaqqis ma humiex ikkontestati. In-nuqqas ta' twettiq tal-obbligi formali jistgħu, madankollu, f'ċerti każijiet, jiġġustifika l-applikazzjoni tal-multi amministrattivi.

28 Huwa f'dawn iċ-ċirkustanzi, li l-Corte di cassazione ddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) Il-prinċipji stabbiliti mill-[Qorti tal-Ġustizzja] fis-sentenza [Ecotrade (EU:C:2008:267)], li jipprovdu li l-Artikoli 18(1)(d) u 22 tas-[Sitt Direttiva] jipprekludu prassi ta' rettifika tad-dikjarazzjonijiet u ta' rkupru tal-[VAT] li tissanzjona ksur, minn naħa, tal-obbligi li jirriżultaw mill-formalitajiet stabbiliti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali skont dan l-Artikolu 18(1)(d), u, min-naħa l-oħra, tal-obbligi ta' kompatibbiltà kif ukoll ta' dikjarazzjoni li jirriżultaw rispettivament mill-imsemmi Artikolu 22(2) u (4), permezz ta' rifjut tad-dritt għal tnaqqis fil-każ ta' applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' reverse charge — huma wkoll applikabbli fil-każ ta' ksur totali tal-obbligi imposti minn din l-istess leġiżlazzjoni, meta ma jkunx hemm fi kwalunkwe każ dubju dwar is-sitwazzjoni ta' persuna suġġetta għat-taxxa u tad-dritt tagħha għal tnaqqis?

2) Il-frażijiet "obblighi sostanziali", "substantive requirement" u "exigences de fond" użati mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-verżjonijiet lingwistiċi differenti fis-sentenza [Ecotrade (EU:C:2008:267)], jirreferu, fir-rigward tal-ipoteżi ta' "reverse charge" fil-qasam tal-VAT, għall-ħtieġa li l-VAT titħallas jew li jiġi assunt id-dejn fiskali jew saħansitra għall-eżistenza ta' kundizzjonijiet sostantivi li jiġġustifikaw l-issuġġettar tal-persuna għall-ħlas tat-taxxa u li jirregolaw id-dritt għal tnaqqis intiż li jipproteġi l-prinċipju ta' newtralità tal-imsemmija taxxa, li jirriżulta mid-dritt tal-Unjoni — bħan-natura inerenti, in-natura taxxabbli u n-natura ta' tnaqqis totali?"

**Fuq id-domandi preliminari**

29 Permezz taż-żewġ domandi tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikoli 18(1)(d) u 22 tas-Sitt Direttiva għandhomx jiġu interpretati fis-sens li dawn id-dispożizzjonijiet jinkludu rekwiżiti proċedurali tad-dritt għal tnaqqis, jew, kuntrarjament, rekwiżiti sostantivi ta' dan id-dritt li l-ksur tiegħu, f'ċirkustanzi bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, iwassal għat-telf tiegħu.

30 Skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, id-dritt tal-persuni taxxabbli li jnaqqsu mill-VAT li huma għandhom iħallsu l-input VAT dovuta jew imħallsa għal oġġetti akkwistati u s-servizzi riċevuti minnhom jikkostitwixxi prinċipju fundamentali tas-sistema komuni tal-VAT stabbilita mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni (sentenza Tóth, C-324/11, EU:C:2012:549, punt 23 u l-ġurisprudenza ċċitata).

31 Kif il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat ripetutament, dan id-dritt jifforma parti mill-mekkaniżmu tal-VAT u bħala regola ġenerali ma jistax jiġi limitat. B'mod partikolari, dan jiġi eżerċitat mill-ewwel għat-taxxi kollha li jolqtu t-tranżazzjonijiet relatati mal-inputs (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Tóth, EU:C:2012:549, punt 24 u l-ġurisprudenza ċċitata).

32 Is-sistema ta' tnaqqis hekk stabbilita hija intiża li tgħin b'mod sħiħ lill-persuna taxxabbli mill-piż tal-VAT dovuta jew imħallsa fil-kuntest tal-attivitajiet ekonomiċi kollha tagħha. Is-sistema komuni tal-VAT tiggarantixxi, konsegwentement, in-newtralità dwar il-piż fiskali tal-attivitajiet ekonomiċi kollha, irrispettivament mill-għanijiet jew mir-riżultati ta' dawn l-attivitajiet, bil-kundizzjoni li l-imsemmija attivitajiet jkunu huma stess suġġetti għall-VAT (sentenzi Tóth, EU:C:2012:549, punt 25 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll Fatorie, C-424/12, EU:C:2014:50, punt 31 u l-ġurisprudenza ċċitata).

33 Fil-kuntest tal-akkwisti intra-Komunitarji ta' beni taxxabbli, għandu l-ewwel nett jitfakkar, li, skont is-sistema ta' reverse charge stabbilita bl-Artikolu 21(1)(d) tas-Sitt Direttiva, l-ebda ħlas tal-VAT ma jseħħ bejn il-bejjiegħ u l-akkwirent tal-oġġett, peress li dan tal-aħħar huwa, għall-akkwist imwettaq, persuna taxxabbli għall-input VAT, u jista', bħala regola ġenerali, inaqqas l-istess taxxa b'tali mod li l-ebda ammont ma huwa dovut lill-amministrazzjoni tat-taxxa.

34 It-tieni nett, meta tiġi applikata s-sistema ta' reverse charge, l-Artikolu 18(1)(d) tas-Sitt Direttiva jippermetti lill-Istati Membri li jistabbilixxu l-formalitajiet dwar il-modalitajiet tal-eżerċitar tad-dritt għal tnaqqis.

35 Madankollu, il-formalitajiet hekk stabbiliti mill-Istat Membru kkonċernat u li għandhom jiġu osservati mill-persuna taxxabbli għall-eżerċitar ta' dan id-dritt ma jistgħux jeċċedu dak li huwa strettament neċessarju għall-kontroll tal-applikazzjoni korretta tal-proċedura ta' reverse charge (sentenzi Bockemühl, C-90/02, EU:C:2004:206, punt 50, kif ukoll Fatorie, EU:C:2014:50, punt 34 u l-ġurisprudenza ċċitata).

36 Barra minn hekk, għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-VAT u tal-kontroll tagħha mill-amministrazzjoni tat-taxxa, l-Artikolu 22 tas-Sitt Direttiva jipprovdi ċerti obbligi imposti fuq il-persuni taxxabbli li għandhom iħallsu din it-taxxa, bħal pereżempju l-ħtieġa ta' kontabbli u r-reġistrazzjoni ta' dikjarazzjoni. Skont il-paragrafu 8 ta' dan l-artikolu, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu obbligi oħra li huma jqisu neċessarji biex jiġi żgurat il-ġbir tat-taxxa u biex tiġi evitata l-frodi.

37 Madankollu, tali miżuri ma jistgħux imorru lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħqu tali għanijiet u ma jistgħux iqiegħdu inkwistjoni n-newtralità tal-VAT (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi Collée, C-146/05, EU:C:2007:549, punt 26 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll Ecotrade, EU:C:2008:267, punt 66 u l-ġurisprudenza ċċitata).

38 It-tielet nett, mill-punt 63 tas-sentenza Ecotrade (EU:C:2008:267) u mill-ġurisprudenza sussegwenti tal-Qorti tal-Ġustizzja (ara, fost l-oħrajn, is-sentenzi Uszodaépítő, C- 392/09, EU:C:2010:569, punt 39; Nidera Handelscompagnie, C- 385/09, EU:C:2010:627, punt 42; EMS-Bulgaria Transport, C-284/11, EU:C:2012:458, punt 62, kif ukoll Fatorie, EU:C:2014:50, punt 35) jirriżulta li, fil-kuntest tas-sistema ta' reverse charge, il-prinċipju fundamentali ta' newtralità tal-VAT jeħtieġ li t-tnaqqis tat-taxxa tal-input jingħata jekk ir-rekwiżiti sostantivi jiġu ssodisfatti, anki jekk il-persuna taxxabbli ma tosservax ċerti rekwiżiti proċedurali.

39 Dan ma jkunx il-każ jekk il-ksur ta' tali rekwiżiti proċedurali jkollu l-effett li jwaqqaf milli tiġi prodotta l-prova ċerta li r-rekwiżiti sostantivi ġew issodisfatti (sentenza EMS-Bulgaria Transport, EU:C:2012:458, punt 71 u l-ġurisprudenza ċċitata).

40 Konsegwentement, peress li l-amministrazzjoni fiskali għandha d-data neċessarja biex tistabbilixxi li r-rekwiżiti sostantivi huma ssodisfatti, hija ma tistax, fir-rigward tad-dritt tal-persuna taxxabbli li tnaqqas din it-taxxa, timponi kundizzjonijiet addizzjonali li jistgħu jkollhom l-effett li jġibu fix-xejn it-twettiq ta' dan id-dritt (ara, f'dan is-sens, is-sentenza EMS-Bulgaria Transport, EU:C:2012:458, punt 62 u l-ġurisprudenza ċċitata)

41 F'dan ir-rigward, għandu jiġi ppreċiżat li r-rekwiżiti sostantivi tad-dritt għal tnaqqis huma dawk li jirregolaw il-bażi stess u l-portata ta' dan id-dritt, kif previsti fl-Artikolu 17 tas-Sitt Direttiva, intitolat "Oriġini u skop tad-dritt li tnaqqas" (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi Il-Kummissjoni vs Il-Pajjiżi l-Baxxi, C-338/98, EU:C:2001:596, punt 71; Dankowski, C-438/09, EU:C:2010:818, punti 26 u 33; Il-Kummissjoni vs L-Ungerija, C-274/10, EU:C:2011:530, punt 44, kif ukoll Kopalnia Odkrywkowa Polski Trawertyn P. Granatowicz, M. Wąsiewicz, C-280/10, EU:C:2012:107, punti 43 u 44).

42 Ir-rekwiżiti proċedurali tal-imsemmi dritt jirregolaw, min-naħa l-oħra, il-modalitajiet u l-kontroll tat-twettiq tiegħu kif ukoll il-funzjonament tajjeb tas-sistema tal-VAT, bħal pereżempju l-obbligi dwar il-kontabbiltà, il-fatturazzjoni u d-dikjarazzjoni. Dawn ir-rekwiżiti jinsabu fl-Artikoli 18 u 22 tas-Sitt Direttiva (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi Il-Kummissjoni vs Il-Pajjiżi l-Baxxi, EU:C:2001:596, punt 71; Collée, EU:C:2007:549, punti 25 u 26; Ecotrade, EU:C:2008:267, punti 60 sa 65; Nidera Handelscompagnie, EU:C:2010:627, punti 47 sa 51; Kopalnia Odkrywkowa Polski Trawertyn P. Granatowicz, M. Wąsiewicz, EU:C:2012:107, punti 41 u 48, kif ukoll Tóth, EU:C:2012:549, punt 33).

43 Fir-rigward tal-akkwisti intra-Komunitarji ta' beni taxxabbli, ir-rekwiżiti sostantivi jeħtieġu, kif jirriżulta mill-Artikolu 17(2)(d) tas-Sitt Direttiva, li dawn l-akkwisti jkunu twettqu minn persuna taxxabbli, li din tal-aħħar tkun ukoll suġġetta għall-ħlas tal-VAT marbuta mal-imsemmija akkwisti u li l-oġġetti inkwistjoni jkunu użati għall-ħtiġijiet tat-tranżazzjonijiet taxxabbli tagħhom.

44 Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li, fil-kawża prinċipali, l-Agenzia kellha d-data kollha meħtieġa biex tistabbilixxi li dawn ir-rekwiżiti sostantivi kienu ssodisfatti.

45 F'dawn iċ-ċirkustanzi, mill-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti jirriżulta li d-dritt għal tnaqqis tal-VAT dovuta, imsemmi fl-Artikolu 17(2)(d) tas-Sitt Direttiva, marbuta mal-akkwisti intra-Komunitarji inkwistjoni fil-kawża prinċipali, ma jistax jiġi rrifjutat lil Idexx għar-raġuni li hija ma ssodisfatx l-obbligi li jirriżultaw mill-formalitajiet stabbiliti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali adottati skont l-Artikoli 18(1)(d) u 22 tas-Sitt Direttiva. Dan id-dritt għal tnaqqis jinħoloq, skont il-paragrafu 1 ta' dan l-artikolu, fil-mument li fih it-taxxa li titnaqqas issir taxxabbli.

46 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta għad-domandi magħmula għandha tkun li l-Artikoli 18(1)(d) u 22 tas-Sitt Direttiva għandhom jiġu interpretati fis-sens li dawn id-dispożizzjonijiet jinkludu rekwiżiti proċedurali tad-dritt għal tnaqqis, li l-ksur tagħhom, f'ċirkustanzi bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, ma jistgħux iwasslu għat-telf ta' dan id-dritt.

**Fuq l-ispejjeż**

47 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tiddeċiedi:

**L-Artikoli 18(1)(d) u 22 tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE, tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima, kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 91/680/KEE, tas-16 ta' Diċembru 1991, għandhom jiġu interpretati fis-sens li dawn id-dispożizzjonijiet jinkludu rekwiżiti proċedurali tad-dritt għal tnaqqis, li l-ksur tagħhom, f'ċirkustanzi bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, ma jistgħux iwasslu għat-telf ta' dan id-dritt.**

Firem